MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 99/2004

**Carmen Scicluna**
**-vs-**
**Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet illi fl-Att tat-Twelid ta’ l-attrici li jgib in-numru wiehed u sittin ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u erbghin (61/1947) - anness u markat dokument A - fil-parti relattiva ghat-tgharif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, isem l-attrici jinsab registrat u jidher bhala Carmela u mhux Carmen;

Illi anke fl-Att taz-Zwieg ta’ l-attrici li jgib in-numru hdax ta’ l-elf disa’ mija hamas u sittin (11/1965) - anness u markat dokument B - fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar il-mara fil-kolonna ntestata: Isem u kunjom, isem l-attrici gie registrat ukoll bhala Karmela minflok Carmen.

Illi fl-istess Att taz-Zwieg fuq imsemmi fi-parti relattiva ghat-taghrif dwar ir-ragel fil-kolonna ntestata: Isem u

Kunjom, l-isem u l-kunjom tar-ragel taghha gew registrati bhala Anton mhux  Anthony u Xicluna u mhux Scicluna;
Ilil fl-att ta' twelid ta' zewgha li jgib in-numru sitt mija u hamsa u sittin ta' l-elf disa' mija u wiehed u erbghin (655/1941)  - anness u markat dokument C  - ghalkemm isem zwegha huwa registrat b'mod korrett bhala Anthony u mhux Anton, il-kunjom tal-missier fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija fil-kolonna ntestata:  Isem u kunjom, il-kunjom tal-missier gie registrat bhala Xicluna u mhux Scicluna.
Illi l-isem li bih l-attrici hija konsistentement maghrufa u l-isem li hi u l-familja taghha dejjem uzaw ghaliha huwa ta' Carmen u mhux Karmela jew Carmela, fil-waqt li sa minn meta zzewget il-kunjom taghha ta' mizzewga dejjem kitbitu u uzatu bhala Scicluna u mhux Xicluna, kif jirrizulta minn kopja tal-passaport ta' l-istess attrici hawn anness u markat dokument  D.
Illi l-attrici tghix fl-istati Uniti ta' l-Amerika u hafna drabi tiltaqa' ma diffikultajiet specjalment meta tigi biex iggedded il-passaport taghha u anke meta tigi biex tohrog mill-pajjiz, meta r-referenza ghall-isem u l-kunjom taghha ma jaqblux ma' l-isem u l-kunjom kif riflessi fl-attijiet tat-Twelid u taz-Zwieg taghha;
Illi l-attrici trid tikkoregi r-registrazzjonijiet hawn fuq indikati kif riflessi erronjament fl-Attijiet tat-twelid u taz-Zwieg taghha kemm a rigward ta' l-isem taghha kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kunjom taghha ta' mizzewga, liema korrezzjonijiet qeghdin jintalbu ai termini ta' l-Artikolu 253(2)(3) tal-Kodici Civili Kap 16.
Illi l-attrici ghandha nteress ukoll li l-korrezzjoni relattiva tal-kunjom Scicluna tkun riflessa wkoll fl-Att ta' twelid ta' zewgha Anthony Scicluna numru sitt mija u hamsa u sittin ta' l-elf disa' mija u wiehed u erbghin (665/1941) u dan biex jigi konformi mhux biss ma' l-Att taz-Zwieg taghhom izda ukoll mal-Attijiet tat-twelid ta' l-ulied li kollha gew registrati bhala Scicluna u mhux Xicluna.
Talbet li din l-Onorabbli Qorti:
1. tiddikjara li l-isem li bih l-attrici wzat ghaliha l-familja taghha u li hija komunement maghrufa m'huwiex ta' Karmela jew Carmela kif gie registrat u jidher fl-Att tat-Twelid taghha izda ta' Carmen u li l-kunjom taghha ta' mizzewga m'huwiex Xicluna izda Scicluna;

2. konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet imsemmija tordna l-korrezzjoni relattiva fil-Att ta’ Twelid ta’ l-attrici numru wiehed u sittin ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u erbghin (61/1947), billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva ta’ l-isem tigi kkoreguta ghall-isem Carmen minflok Carmela.

3. l-istess korrezzjoni ta’ l-isem awtorizzata fit-talba precedenti tigi riflessa wkoll fl-Att taz-Zwieg ta’ l-attrici numru hdax ta’ l-elf disa’ mija hamsa us ittin (11/1965) billi minflok Karmela tigi Carmen.

4. tordna ukoll li fl-istess Att taz-Zwieg hawn fuq imsemmi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar ir-ragel fil-kolonna ntestata: Isem u Kunjom, dan jigi kkoregut ghal Anthony Scicluna minflok Anton Xicluna;

5. il-korrezzjoni tal-kunjom Scicluna minflok Xicluna tigi riflessa ukoll fl-Att tat-Twelid ta’ zewgha Anthony Scicluna numru sitt mija u hamsa u sittin ta’ l-elf disa’ mija u wiehed u erbghin (665/1941) ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi preliminarjament hemm nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju peress illi r-ragel ta’ l-attrici ma hux parti fil-kawza, u ghaldaqstant, l-attrici ma tistax titlob korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ persuna ohra, minghajr l-approvazzjoni ta’ dik il-persuna. F’kaz illi r-ragel taghha huwa mejjet, ghandhom jidhlu fil-kawza t-tfal ta’ l-attrici sabiex jista’ jigi korrett kunjom Anton sive Anthony Xicluna;

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak illi jirrigwarda isem l-attrici huwa ma jsib ebda oggezzjoni illi isimha jigi mibdul ghal Carmen, anke l-isem illi kien inghatalha ma hux xi zball tad-Direttur, izda kif kien gie ndikat lid-Direttur mill-genituri ta’ l-attrici.

3. illi ghal dak illi jirrigwarda kunjom ir-ragel ta' l-attrici, l-esponenti jhoss illi dan il-kunjom m'ghandux jigi mibdul u dan ghaliex il-kunjom Xicluna jezisti, u ghaldaqstant ma hemm ebda zball, tant illi anke missier ir-ragel taghha ghandu l-istess kunjom. Jekk it-tfal gew registrati fl-esteru bhala Scicluna, hija ghandha titlob il-korrezzjonjiet ta' dawn ir-registrazzjonijiet u mhux ta' kunjom zewgha illi ilu registrat hekk ghall-bosta generazzjonijiet.

4. illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruh ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

5. illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti nterament mill-attur u f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

6. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debtiament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku minkejja li debitament notifikat bl-appuntament ghas-smiegh ta' din il-kawza naqas li jidher.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-affidavit ta' l-attrici debitament guramentat.

Billi t-talbiet attrici jidhrilha li huma gustifikati.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna l-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru wiehed u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgha u erbghin (61/1947) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva ta' l-isem tigi kkoreguta ghall-isem Carmen minflok Carmela;

Tordna l-korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg ta' l-attrici numru hdax ta' l-elf disa' mija hamsa u sittin (11/1965) billi minflok Karmela tigi Carmen;

Tordna l-korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg numru hdax tas-sena elf disa' mija u hamsa u sittin (11/1965) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar ir-ragel fil-kolonna ntestata: Isem u Kunjom, dan jigi korregut ghal Anthony Scicluna minflok Anton Xicluna;

Tordna ukoll li l-korrezzjoni tal-kunjom Scicluna minflok Xicluna tigi riflessa ukoll fl-Att tat-twelid ta’ zewgha Anthony Scicluna numru sitt mija u hamsa u sittin ta’ l-elf disa’ mija u wiehed u erbghin (665/1941).
Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------